**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Numru**

**Avviz numru 860/01**

**Frank Borda Limited**

**vs**

**Joseph Formosa u Christina Formosa**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm885 (tmin mija u hamsa u tmenin lira Maltin) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ta' prezz ta' bejgh ta' air-conditioners mibjugha u konsenjati.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-avviz tat-talba kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti baqghu ma ipprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil Dr Claudine Zarb tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm885 (tmin mija u hamsa u tmenin lira Maltin) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ta' prezz ta' bejgh ta' air-conditioners mibjugha u konsenjati. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**